KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur jgħarraf illi:

Offerti għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali Ħal Għargħur permezz tal-ePPS sal-11.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, 29 ta' Settembru, 2026, għal:

Avviż Nru GLC/05/2026. Installazzjoni ta' luminarji bi tniġġis baxx u b'enerġija effiċjenti (on bracket) f'diversi toroq lill-Kunsill Lokali Ħal Għargħur;

Avviż Nru GLC/06/2026. Provvediment ta' servizzi legali lill-Kunsill Lokali Ħal Għargħur.

Id-dokumenti huma bla ħlas u jinkisbu/jitniżżlu u jintlaqgħu BISS mis-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jirriżerva d-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aħħar waħda vantaġġjuża.

It-28 ta' Awwissu, 2026

ĦAL GĦARGĦUR LOCAL COUNCIL

The Ħal Għargħur Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Ħal Għargħur Local Council through ePPS up to 11.00 a.m. on Tuesday, 29th September, 2026, for the:

Advt No. GLC/05/2026. Installation of low-pollution and energy-efficient luminaries (on bracket) in various streets for the Ħal Għargħur Local Council;

Advt No. GLC/06/2026. Provision of legal services for the Ħal Għargħur Local Council.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website on (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

28th August, 2026

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

2197

B'diġriet tas-27 ta' Lulju, 2026, mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(5) tal-Kodici tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap.12).

Illi b'rikors ippreżentat minn Cheryl-Ann Baker (KI 158887M) u Jackson Levi Said (KI 508887M) fit-22 ta' April, 2026, qed jintalab l-iżbank fl-ammont ta' tnax-il elf, seba' mija u tmienja u sittin ewro u tnejn u sittin ċenteżmu (€12,768.62) li ġew depożitati permezz ta' Ċedola numru 2025/23 wara l-mandat ta' sekwestru 1085/2023 fl-ismijiet:

Cheryl-Ann Baker (KI 158887M) et vs A.I.M. High Property Limited (C81094)

Il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontroparti bi żmien ġimgħa għar-risposta.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum it-Tnejn, 24 ta' Awwissu, 2026

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree given on the 27th of July, 2026, given by the Magistrates Court (Malta) ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(5) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

That by the application filed by Cheryl-Ann Baker (ID 158887M) and Jackson Levi Said (ID 508887M) on the 22nd April, 2026, is requesting the withdrawal of the amount of twelve thousand, seven hundred and sixty eight euro and sixty two cent (€12,768.62) deposited by the Schedule of Deposit number 2025/23 after garnishee order 1085/2023 in the names of:

Cheryl-Ann Baker (ID 158887M) et vs A.I.M. High Property Limited (C81094)

The Court ordered the notification to the counterparty with one week to reply.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today Monday, 24th August, 2026

GAETANA AQUILINA
For Registrar of Courts and Civil Tribunals

2198

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurizdizzjoni Volontarja, fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Lulju, 2026 (Digriet numru 50/2026NCD, wara rikors numru 44/2026NCD) ġiet ikkonfermata inabilitata mill-atti kollha tal-ħajja ċivili Carolyn Joy Johnson, imwielda Birmingham, ir-Renju Unit, fil-11 ta' Lulju, 1952, u residenti r-Rabat, Għawdex (karta tal-identità numru 128388A).

Dott. Maria Mompalao, avukat, bint Dott. Kevin Mompalao u Marcelline Mompalao née Mercieca, imwielda r-Rabat, Għawdex, residenti x-Xewkija, Għawdex, detentriċi tal-karta tal-identità numru 8101H, ġiet bl-istess digriet, nominata kuratriċi tagħha.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurizdizzjoni Volontarja

Illum 25 ta' Awwissu, 2026

DANIEL SACCO
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

It is hereby notified that in virtue of a decree given by the Court of Magistrates (Gozo) in its Voluntary Jurisdiction on the twenty-eight (28th) of July of the year, 2026 (Decree number 50/2026NCD following application number 44/2026NCD) Carolyn Joy Johnson, born in Birmingham, United Kingdom, on the 11th of July, 1952, and resides in Victoria, Gozo, holder of identity card number 128388A, has been confirmed inabilitated from all acts of civil life.

Dr Maria Mompalao, lawyer, daughter of Dr Kevin Mompalao and Marcelline Mompalao née Mercieca, born in Victoria, Gozo, residing in Xewkija, Gozo, and holder of identity card number 8101H, has been nominated as her curator, by virtue of the said decree.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction

This 25th of August, 2026

DANIEL SACCO
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

2199

Permezz ta' digriet mogħti fit-8 ta' Ġunju, 2026, mill-Qorti Kostituzzjonali fl-Atti tar-Rikors numru 575/2024 fl-ismijiet Michael Hearne vs l-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni segwenti bil-għan li ssir notifika lill-intimat Michael Hearne skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz tar-Rikors tal-Appell numru 575/2024 ippreżentat fit-22 ta' April, 2026, fl-ismijiet premessi, l-appellanti ħassewhom aggravati bis-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti, bl-aggravji li ġejjin:

1. L-Ewwel Qorti żbaljat meta kkonkludiet li kien hemm ksur tad-dritt għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli minħabba dewmien fl-inkjesta kriminali;

2. Il-Qorti żbaljat ukoll meta kkonkludiet li kien hemm ksur tal-ordni ta' ffriżar inkwistjoni li kienet bi ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni;

3. L-istess Qorti żbaljat meta sabet li kien hemm indħil mhux ġustifikat fit-tgawdija paċifika tal-proprjetà tal-appellat;

4. L-appellanti jtennu li l-appellat ma sofra l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu, u li l-ebda rimedju ma għandu jingħata u fi kwalunkwe każ ir-rimedji mogħtija mill-ewwel Qorti ma kinux xierqa fiċ-ċirkostanzi; u

By means of a decree delivered on the 8th of June 2026 by the Constitutional Court in the records of Application number 575/2024 in the names Michael Hearne vs the Advocate General and State Advocate, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Michael Hearne in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap 12 of the Laws of Malta.

By means of Appeal Application number 575/2024 filed on the 22nd of April, 2026, in the names premised, the appellant felt aggrieved by the judgment delivered by the First Court, on the following grounds:

1. The First Court was mistaken when it concluded that there had been a violation of the right to a fair trial within a reasonable time on account of delays in the criminal inquiry;

2. The Court also erred when it concluded that there had been a violation in the freezing order in question in breach of Article 37 of the Constitution;

3. The same Court was mistaken when it found that there was an unjustified intereference in the appellee's peaceful enjoyment of his possessions;

4. The appellants reiterate that the appellee suffered no violation of his fundamental rights, and that no remedy is to be awarded and in any case the remedies granted by the first Court were not appropriate in the circumstances; and

5. Li jekk din il-Qorti taqbel mal-appellanti li l-appellat ma sofra l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu, ikun raġonevoli li l-appellanti m'għandhomx jiġu akkollati l-ispejjeż tal-ewwel istanza.

Għal dawn ir-raġunijiet, l-appellanti jitolbu lil din il-Qorti biex:

1. Tirrevoka s-sentenza appellata, tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-appellanti u tiċħad it-talbiet tal-appellat fl-intier tagħhom; jew alternattivament;

2. Tvarja r-rimedju mogħti lill-appellat kif stabbilit f'dan l-appell.

Bl-ispejjeż

Ir-Rikors tal-Appell numru 575/2024 fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għall-5 ta' Ottubru, 2026, fid-9.10 a.m.

Notifika: Michael Hearne, 4, St Stephen's Court, Blokk F, Flat 3, Triq is-Snajja', L-Imsida

Reġistru tal-Qorti Kostituzzjonali, illum 13 ta' Awwissu, 2026

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

5. That should this Court agree with the appellants that the appellee did not suffer a breach of his fundamental rights, it stands to reason that the appellants should not be burdened with the expenses of the first instance.

For these reasons, the appellants request this Court to:

1. Revoke the appealed judgment, uphold the appellants' pleas and dismiss the appellee's demands in their entirety; or alternatively;

2. Vary the remedy afforded to the appellee as set out in this appeal.

With costs

Application number 575/2024 in the names above mentioned is deferred to the 5th October, 2026, at 9.10 a.m.

Notification: Michael Hearne, 4, St Stephen's Court, Block F, Flat 3, Triq is-Snajja', Msida

Registry of the Constitutional Court, this day the 13th August, 2026

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2200

Permezz tad-digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri), fl-Atti tar-Rikors numru 39/2022, fl-ismijiet Marylene Portelli (ID 0578276M) vs Robert Portelli (ID 416778M), ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Marylene Portelli a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz tar-Rikors tal-Appell numru 39/2022 ippreżentat fid-9 ta' Marzu, 2026, fl-ismijiet premessi, l-appellant Robert Portelli ħass ruħu aggravat bis-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti u għaldaqstant qiegħed jinterponi dan l-umli appell abbażi tas-segwenti aggravji:

1. Illi s-sentenza mogħtija fil-5 ta' Frar, 2026, mill-Ewwel Qorti hija milquta b'numru konsiderevoli ta' skorretezzi fir-riferenza li saret għall-fatti fil-każ odjern li taw lok għal apprezzament ta' fatti u provi żbaljati;

2. Illi l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta sabet lill-appellant unikament ħati għat-tifrik taż-żwieġ;

By means of a decree of the Court of Appeal (Superior jurisdiction) in the records of Application number 39/2022, in the names Marylene Portelli (ID 0578276M) vs Robert Portelli (ID 416778M), the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Marylene Portelli in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12 of the Laws of Malta.

By means of Appeal Application number 39/2022 filed on the 9th March, 2026, in the names premised, the appellant Robert Portelli felt aggrieved by the judgment of the Honourable First Court and is thus filing this humble appeal on the basis of the following grounds:

1. The judgment pronounced on the 5th February 2026, by the Court of First Instance is affected by a considerable number of errors in the reference made to the facts in the present case which gave rise to a wrong appreciation of the facts and evidence;

2. The Court of First Instance was mistaken when it found the appellant solely guilty for the breakdown of the marriage;

3. Illi l-Ewwel Qorti skartat ir-responsabbiltà tal-appellata fit-tifrik taż-żwieġ;

4. Illi l-appellant ġie kkundannat iħallas oltre dak li tipprovdi l-liġi u l-Ewwel Qorti lanqas ma ddikjarat ġurnata għat-tifrik taż-żwieġ meta applikat id-dekadenza stipulati fl-Artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tal-appellant;

5. Illi ma kien hemm l-ebda raġuni għaliex l-Ewwel Qorti fdat il-kura u l-kustodja f'idejn l-appellata b'mod esklussiv;

6. Illi ma kien hemm ebda raġuni għalfejn il-manteniment għandu jinqata' direttament mill-paga tal-appellant u ma hemm ebda arretrati ta' spejjeż ta' saħħa u edukazzjoni.

Għaldaqstant, l-appellant qed jinterponi dan l-umli appell u qed jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dan billi:

1. Tikkonferma l-ewwel talba attriċi iżda tirriforma t-tieni parti tal-ewwel punt tad-decide, u konsegwentement issib lill-appellata unikament ħatja għat-tifrik taż-żwieġ jew b'mod alternattiv issib liż-żewġ partijiet ħatja għat-tifrik taż-żwieġ;

2. Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minorenni għandha tkun konġunta;

3. Tħassar il-parti fejn ġiet ordnat li l-alimenti ta' manteniment għandhom jiġu mnaqqsa direttament mis-salarju tal-appellant;

4. Tħassar il-parti tas-sentenza permezz ta' liema l-appellant ġie ordnat iħallas lill-appellata arretrati ta' spejjeż fl-ammont ta' €1772.47;

5. Tħassar il-parti tas-sentenza permezz ta' liema l-appellata ġiet awtorizzata ġġedded il-passaporti tal-minorenni mingħajr il-kunsens tal-appellant;

6. Tħassar il-parti tas-sentenza permezz ta' liema ġiet dikjarata xolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet u tirriforma l-parti tas-sentenza li tikkonċerna l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti;

7. Tħassar il-parti tas-sentenza fejn ġew applikati d-dispożizzjonijiet maħsuba fl-Artikolu 48 et sequitur tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta kontra tiegħu;

8. Tħassar il-parti tas-sentenza permezz ta' liema l-konvenut ġie ordnat jirrestitwixxi lill-attriċi beni dotali u/jew parafernali tagħha;

9. Tirriforma l-parti tas-sentenza fejn ġew innominati kuraturi deputati fl-eventwalità ta' kontumaċja tal-appellant;

3. The Court of First Instance avoided the responsibility of the respondent in the breakdown of the marriage;

4. The appellant was condemned to pay more than that provided by Law and the Court of First Instance did not declare a day for the breakdown of the marriage when it applied the time limit stipulated in Article 48 of Cap. 16 of the Laws of Malta against the appellant;

5. There was no reason for the Court of First Instance to entrust care and custody exclusively to the respondent;

6. There was no reason why the maintenance should be deducted directly from the appellant's salary and there are no arrears of health and education expenses.

Therefore, the appellant is filing this humble appeal and is respectfully requesting this Honourable Court to reform the judgment appealed and this by:

1. Confirm the first demand of the plaintiff but reform the second part of the first point of the decision, and consequently find the respondent solely guilty for the breakdown of the marriage or alternatively find both parties guilty for the breakdown of the marriage;

2. Order that the care and custody of the minor shall be joint;

3. Cancel the part where it was ordered that maintenance payments should be deducted directly from the appellant's salary;

4. Cancel the part of the judgment by means of which the appellant was ordered to pay the respondent arrears of costs in the amount of €1772.47;

5. Cancel the part of the judgment in virtue of which the respondent was authorised to renew the passports of the minor without the consent of the appellant;

6. Cancel the part of the judgment by means of which the community of acquests existing between the parties was declared dissolved and reform the part of the judgment which concerns the liquidation of the community of acquests;

7. Cancel the part of the judgment whereby the dispositions contemplated in Article 48 et sequitur of Cap. 16 of the Laws of Malta against him were applied;

8. Cancel the part of the judgment by means of which the defendant was ordered to return to the plaintiff her dotal and/or paraphernal property;

9. To reform the part of the judgment whereby deputy curators were appointed in the event of default of the appellant;

10. Tirriforma d-decide tal-kontrotalba tas-sentenza appellata sabiex ikunu kompatibbli ma' dak mitlub sopra mill-appellant;

11. Tirriforma dak deċiż rigward it-tielet kontrotalba sabiex tipprovdi wkoll aċċess fil-festi tal-Milied, tal-Għid, ta' Jum il-Missier, għeluq snin l-appellant u festi pubbliċi;

12. Tikkonferma l-bqija tas-sentenza appellata sa fejn hu kompatibbli ma' dan l-appell.

Bl-ispejjeż tal-proċeduri in prim'istanza u dawk relatati mal-appell odjern kontra l-appellata.

Notifika: Marylene Portelli, 50, Triq Pawlu Balzan, Ħaż-Żebbuġ

Reġistru tal-Qorti tal-Appell, 14 ta' Lulju, 2026

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

10. To reform the decide of the counter-claim of the judgment appealed so that they are compatible with that demanded by the appellant;

11. To reform the decision regarding the third counter-claim in order to also provide access during Christmas, Easter, Father's day, the appellant's birthday and public holidays;

12. Uphold the remainder of the judgment under appeal in so far as it is compatible with the present appeal.

With costs of the procedures in first instance and those related to the present appeal against the respondent.

Notification: Marylene Portelli, 50, Triq Pawlu Balzan, Ħaż-Żebbuġ

Registry of the Court of Appeal, 14th July, 2026

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2201

Permezz tad-digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri), fl-10 ta' Ġunju, 2026, fl-Atti tar-Rikors 132/2020 fl-ismijiet Maria Cassar (KI 95589M) vs Antoine Cassar (K.I. 206086M) ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Maria Cassar a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz tar-Rikors tal-Appell numru 132/2020 ippreżentat fis-17 ta' Frar, 2023, fl-ismijiet premessi, l-esponent appellant Antoine Cassar ħass ruħu aggravat minn dina s-sentenza datata 29 ta' Jannar, 2026, fejn qatgħet u ddeċidiet il-kawża billi laqgħet it-talbiet tal-attriċi u ċaħdet it-talbiet tal-kontrotalba mressqa mill-appellant u għalhekk l-esponent appellant qed jinterponi dan l-umli appell quddiem din l-Onorabbli Qorti abbażi ta' dawn l-aggravji:

1. Illi l-Ewwel Qorti żbaljat meta sabet lill-Appellant responsabbli esklussivament jew b'mod predominanti għat-tkissir irremedjabbli taż-żwieġ;

2. Illi l-Ewwel Qorti żbaljat meta assenjat totalment id-dar matrimonjali lill-appellata u analizzat b'mod skorrett l-komunjoni tal-akkwisti;

3. Illi l-Ewwel Qorti vvizzjat il-proċedura b'mod gravi u sostanzjali meta naqset milli tirrispetta l-prinċipju fundamentali tal-audi alteram partem.

Għaldaqstant, l-appellant jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tħassar is-sentenza mogħtija

By means of a decree delivered on the 10th June, 2026, by the Court of Appeal (Superior Jurisdiction), in the records of Application number 132/2020 in the names: Maria Cassar (ID 95589M) vs Antoine Cassar (ID 206086M), the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Maria Cassar in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12 of the Laws of Malta.

Whereas in Appeal Application number 132/2020 filed on 17th February, 2023, in the names premised, the appellant Antoine Cassar felt aggrieved by the judgment dated 29 January, 2026, by the First Hall Civil Court where it ruled and decided the cause by upholding the plaintiff's claims and dismissing the counter-claims filed by the appellant and therefore the appellant is filing this humble appeal before this Honourable Court based on the following grounds:

1. The First Court erred in finding the Appellant exclusively or predominantly responsible for the irremediable breakdown of the marriage;

2. The First Court erred in assigning the matrimonial home to the respondent in its entirety and incorrectly analysed the community of acquests;

3. The First Court grieviously and substantially vitiated the procedure when it failed to respect the fundamental principle of audi alteram partem.

Therefore, the appellant respectfully requests that this Honourable Court annuls the judgment pronounced on the 29th

fid-29 ta' Jannar, 2026, u konsegwentement tordna r-ritrattazzjoni tal-kawża għal dawk ir-raġunijiet fuq indikati jew alternattivament tvarja dik il-parti tas-sentenza fejn issibu responsabbli għat-tifrik taż-żwieġ filwaqt li tvarja wkoll dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellata ġiet assenjata id-dar matrimonjali u l-garaxx fl-intier tagħhom u l-komunjoni tal-akkwisti terġa' tiġi maqsuma kif suppost.

Notifika: Maria Cassar, Citronelle Court, Flat 4, Triq Santa Klementina, Iż-Żurrieq

Maria Cassar, 192, Triq Mons. Mikiel Azzopardi, Is-Siġġiewi

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli), illum 4 ta' Awwissu, 2026

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

January, 2026, and consequently order the retrial of the case for the reasons indicated above. If the first and second requests are not upheld, alternatively vary that part of the judgment where it finds him responsible for the breakdown of the marriage while also varying that part of the judgment where the respondent was assigned the matrimonial home and garage in their entirety and the community of acquests be re-divided as appropriate.

Notification: Maria Cassar, Citronelle Court, Flat 4, Triq Santa Klementina, Żurrieq

Maria Cassar, 192, Triq Mons. Mikiel Azzopardi, Siġġiewi

Registry of the Superior Courts (Appeals), this day 4th August, 2026

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2202

Permezz ta' digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), fil-15 ta' April, 2026, fl-Atti tar-Rikors numru 184/2025 fl-ismijiet Andre Augusto Lyra Vilella vs Z.Y.A Associates Ltd u Nigel Portelli (ID 0297501L), ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Andre Augusto Lyra Vilella a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz tar-Rikors tal-Appell numru 184/2025 ippreżentat fit-2 ta' Diċembru, 2025, fl-ismijiet premessi, l-esponenti appellanti Z.Y.A Associates Ltd et, ħasset ruħha aggravata mis-sentenza datata fit-13 ta' Novembru, 2025, tal-Panel tal-Arbitraġġ għal Kirjiet Residenzjali Privati fejn qatgħet u ddeċidiet il-kawża billi l-Panel ordna lilll-appelanti jħallsu s-somma ta' ħames mija u sittin ewro (€560) lill-appellat, u għalhekk l-appellanti ħassewhom ippreġudikati b'din id-deċiżjoni u qegħdin jintavolaw dan l-umli appell quddiem din l-Onorabbli Qorti abbażi li l-Panel wettaq żball tal-liġi waqt il-kunsiderazzjonijiet tiegħu.

Għaldaqstant, l-appellanti, filwaqt li jirreferu għall-atti proċesswali u jirriservaw li jagħmlu osservazzjonijiet oħra li jidhrilhom li huma xierqa, u jipproduċu l-provi kollha li huma ammissibbli skont il-liġi f'dan l-istadju, jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti li jogħġobha tilqa' l-aggravi tal-appellanti u:

i) Tirrevoka d-deċiżjoni mogħtija mill-Panel tal-Arbitraġġ għal Kirjiet Residenzjali Privati tat-13 ta' Novembru, 202,5 ossija Talba numru ADJ/0179/25;

ii) Tikkonferma illi l-appellant Nigel Portelli (0297501L) jista' jżomm id-depożitu kollu għan-nom u inrappreżentanza ta' Z.Y.A Associated Ltd (C84390); u

By means of a decree delivered on the 15th April, 2026, by the Court of Appeal (Inferior, Jurisdiction), in the records of Application number 184/2025 in the names Andre Augusto Lyra Vilella vs Z.Y.A Associates Ltd and Nigel Portelli (ID 0297501L), the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Andre Augusto Lyra Vilella in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12 of the Laws of Malta.

By means of Appeal application number 184/2025 filed on the 2nd December, 2025, in the names premised, the applicant appellant Z.Y.A Associates Ltd et, felt aggrieved by the decision dated 13th November, 2025, whereby the Private Residential Leases Arbitration Panel ordered the respondents to pay the sum of five hundred and sixty euro (€560) to the respondent, and thus the appellants felt prejudiced by this decision and are thus filing this appeal before this Honourable Court on the basis that the Panel committed an error in Law during its considerations.

Therefore, the appellants, whilst referring to the records of the proceedings and reserving to make other observations they deem fit, and produce all the evidence which is admissible according to law at this stage, respectfully request this Honourable Court to uphold the ground of appeal raised by the appellants and:

i) revoke the decision given by the adjudicating Private Residential Leases Arbitration Panel of the 13th November, 2025, that is request number ADJ/0179/25;

ii) confirms that the appellant Nigel Portelli (0297501L) can hold all the deposit for and on behalf of Z.Y.A Associates Ltd (C84390); and

iii) Tordna illi l-ispejjeż kollha jkunu a kariku tal-appellat, inklużi l-ispejjeż ta' dan l-appell.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 184/2025 fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-30 ta' Settembru, 2026, fl-10.10 a.m.

Notifika: Andre August Lyra Vilella, Bldg 46, Flat 1, Apex Apartments, Triq l-Aħwa Hyzler, Is-Swatar, Birkirkara

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli Inferjuri), illum 20 ta' Awwissu, 2026

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

iii) order that all the costs be borne by the respondent, including the costs of this appeal.

Application number 184/2025 in the names above is deferred to the 30th September, 2026, at 10.10 a.m.

Notification: Andre August Lyra Vilella, Bldg 46, Flat 1, Apex Apartments, Triq l-Aħwa Hyzler, Swatar, Birkirkara

Registry of the Inferior Courts (Appeals), on the day 20th August, 2026

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2203

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tat-8 ta' Awwissu, 2026, u dan wara Rikors b'numru 612/2026, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, sabiex jagħmel it-tibdil opportun fuq l-Att tat-Twelid u l-Att taż-Żwieġ ta' Patricia Bleznak Silverstein, meta dawn jiġu reġistrati f'Malta biex isem ir-rikorrenti jiġi mibdul minn 'Patricia' għal 'Patricia Bleznak' permezz ta' annotazzjoni.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum il-Ħamis, 13 ta' Awwissu, 2026

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 8th August, 2026, and upon an application numbered 612/2026, ordered:

To the Director of the Public Registry, to make the appropriate amendment to the Act of Birth and Act of Marriage of Patricia Bleznak Silverstein when these are registered in Malta, so that the applicant's name is changed by annotation from 'Patricia' to 'Patricia Bleznak'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Thursday, 13th August, 2026

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

2204

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tat-18 ta' Awwissu, 2026, u dan wara Rikors b'numru 672/2026, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, sabiex jagħmel it-tibdil opportun fuq l-Att tat-Twelid bin-numru 4043/2024 biex il-kunjom il-minuri jiġi korrett minn 'Elewi' għal 'Mahmoud' permezz ta' annotazzjoni.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum it-Tnejn, 24 ta' Awwissu, 2026

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 18th August, 2026, and upon an application numbered 672/2026, ordered:

To the Director of the Public Registry, to make the appropriate amendment to the Act of Birth number 4043/2024 so that the minor's surname is corrected by annotation from 'Elewi' to 'Mahmoud'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Monday, 24th August, 2026

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

2205

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-16 ta' Ġunju, 2026, fuq rikors tas-soċjetà' Tortuga Group Ltd (C63751) li preċedentement kienet Bluerock Leisure Limited (C63751) u li oriġinarjament kien jisimha Seasport Limited (C63751) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 26 ta' Novembru, 2026, fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

L-utile dominium għaż-żmien rimanenti minn ħamsa u għoxrin (25) sena li bdew jiddekorru mis-sbatax ta' Mejju, elfejn u tnax (17.5.2012) tal-fond magħruf bħala 'Mambo Beach Club' preċedentament magħruf bħala 'Belmar Bungalow' li jinstab fl-Armier, limiti tal-Mellieħa, mingħajr l-arja, mibnija fuq żewġ sulari, bis-sular ta' isfel għandu internament arja superfiċjali ta' ċirka 713-il metru kwadru u s-sular ta' fuq għandu internament arja superfiċjali ta' ċirka 270 metru kwadru u esternament arja superfiċjali ta' ċirka 443 metru kwadru, konfinanti ma' proprjetà tal-Gvern mill-irjiħat kollha, suġġett għaċ-ċens annwu u temporanju u rivedibbli ta' sitta u sebgħin elf ewro, erba' mija u ħamsin ewro (€76,450), fil-bqija liberu u frank bid-drittijiet u pertinenzi kollha tiegħu, kif deskritt fl-atti tan-Nutar Roberta Bisazza datat sebgħa ta' Lulju, elfejn wieħed u għoxrin (7.7.2021) u stmat li jiswa' disgħa mija u disgħin elf ewro (€990,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' SEG Concessions Limited (C99233).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 24/2022.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 25 ta' Awwissu, 2026

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 16th June, 2026, on the application of Tortuga Group Ltd (C63751) previously Bluerock Leisure Limited (C63751) and which originally was named Seasport Limited (C63751), Thursday, 26th November, 2026, at half past ten in the morning (10.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction, to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

The utile dominium of the remaining period from twenty five (25) years which commenced on the seventeeth May, two thousand and twelve (17.5.2012) of the property known as 'Mambo Beach Club' previously known as 'Belmar Bungalow', situated in Armier, limits of Mellieha, without its airspace, built on two floors, with the first floor having an internal superficial area of circa 713 metre square and the second floor having an internal superficial area of circa 270 metre square and an external superficial area of circa 443 metre square, bounded from all sides by property of the Government of Malta, subject to the annual, temporary and revisable groundrent of seventy six thousand four hundred and fifty euro (€76,450), otherwise free and unencumbered with all its rights and appurtenances, as described in the acts of Notary Roberta Bisazza dated seventh July, two thousand and twenty one (7.7.2021) and is valued at nine hundred and ninety thousand euro (€990,000).

The said tenement is the property of SEG Concessions Limited (C99233).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 24/2022.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 25th August, 2026

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2206

Permezz tad-digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell, fid-9 ta' Lulju, 2026, fl-Atti tar-Rikors 597/2017 fl-ismijiet Davorin Stevanovic (KI 061291A) vs Mohib sive Michael Abouzidan ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Mohib sive Michael Abouzidan a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz tar-Rikors ta' Davorin Stevanovic ippreżentat fit-2 ta' Marzu, 2026, fl-ismijiet premessi, l-esponent appellant jesponi bir-rispett:

By means of a decree given, by the Court of Appeal, on the 9th July, 2026, in the records of the Application number 597/2017 in the names Davorin Stevanovic (I.D. 061291A) vs Mohib sive Michael Abouzidan the following publication was ordered for the purpose of service of Mohib sive Michael Abouzidan in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12 of the Laws of Malta.

By means of the application of Davorin Stevanovic filed on the 2nd March, 2026, in the names premised, the applicant appellant respectfully submits:

1. Illi b'sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti fid-19 ta' Jannar, 2026, fl-ismijiet premessi, ġiet deċiża l-kawża tal-appell u ġie kkonfermat id-dritt tal-esponent sabiex jipproċedi għall-pubblikazzjoni tal-att finali ta' trasferiment fir-rigward tal-fond;

2. Illi s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-27 ta' Ġunju, 2024, kienet, inter alia, ikkundannat lill-konvenut jittrasferixxi l-imsemmija proprjetà, innominat lin-Nutar Dott. Nicholas Vella sabiex jippubblika l-att relattiv u ħatret lil Dott. Carlos Bugeja bħala kuratur sabiex jirrappreżenta lill-konvenut fl-eventwali kontumaċja tiegħu;

3. Illi għalhekk il-parti dispożittiva tas-sentenza tal-Appell hija nieqsa minn indikazzjoni operattiva meħtieġa sabiex is-sentenza tkun eżegwibbli fil-prattika u dan mingħajr ma jintmessu jew jinbidlu l-merti jew id-deċiżjoni sostantitva tal-Qorti;

4. Illi dan jikkostitwixxi omissjoni jew espressjoni nieqsa fil-formulazzjoni tas-sentenza li tista' tiġi kkoreġuta minn din l-Onorabbli Qorti ai termini tal-Artikolu 825(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili mingħajr ma jinbidel is-sens jew l-intenzjoni manifestament espressa mill-Qorti.

Għaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti, sabiex anke ai termini tal-Artikolu 825(2) tal-Kap. 12, tikkoreġi jew tiċċara l-parti dispożittiva tas-sentenza mogħtija fis-29 ta' Jannar, 2026, billi insostituzzjoni tad-data għall-pubblikazzjoni tal-att ta' trasferiment li kienet ġiet iffissata fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-27 ta' Ġunju, 2024, u li issa għaddiet inġudikat, tiffissa l-jum ta' nhar l-4 ta' Settembru, 2026, fil-11.00 a.m., fil-bini tal-Qorti fit-tieni sular ħdejn il-Kamra tal-Avukati, jew għal data oħra qrib it-tali data li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa.

Notifika: Mohib sive Michael Abouzidan, Pearl Residence, Flat 5, Triq V. Menville, Is-Swieqi

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli), illum 24 ta' Awwissu, 2026

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

1. By means of a judgment delivered by this Honourable Court on the 19th January, 2026, in the names premised, the cause of appeal was decided and the right of the interpellant was confirmed to proceed to the publication of the final deed of transfer regarding the premises;

2. The judgment of the First Hall Civil Court of the 27th June, 2024, inter alia, condemned the defendant to transfer the said property, it nominated Notary Dr Nicholas Vella to publish the relative deed and appointed Dr Carlos Bugeja as curator to represent the defendant in his eventual default of appearance;

3. Thus, the operative part of the judgment of Appeal lacks the operative indications necessary for the judgment to be enforceable in practice and this without touching upon or altering the merits or the substantive decision of the Court;

4. This constitutes an omission or lacking expression in the formulation of the judgment which can be corrected by this Honourable Court in terms of Article 825(2) of the Code of Organisation and Civil Procedure without changing the meaning or intention clearly expressed by the Court.

Therefore, the applicant humbly requests this Honourable Court, so that even in terms of Article 825 (2) of Cap. 12, it corrects or clarifies the operative part of the judgment pronounced on the 29th January, 2026, whereas in substitution of the date for the publication of the deed of transfer which was fixed in the judgment of the First Hall Civil Court of the 27th June, 2024, and which has now elapsed,it shall fix the day of the 4th September, 2026, at 11.00 a.m., in the Court building on the second floor near the Chamber of Advocates, or for another date close to such date as this Honourable Court deems fit.

Notification: Respondent: Mohib sive Michael Abouzidan, Pearl Residence, Flat 5, Triq V. Menville, Swieqi

Registry of the Superior Courts (Appeals), this day 24th August, 2026

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2207

Permezz ta' digriet tal-Qorti Kostituzzjonali mogħti fl-20 ta' April, 2026, fl-Atti tar-Rikors numru 136/2025, fl-ismijiet Christopher Scerri Urry vs L-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Christopher Scerri Urry a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

By means of a decree of the 20th April, 2026, delivered by the Constitutional Court in the records of Application number 136/2025, in the names Christopher Scerri Urry vs the Attorney General and the State Advocate, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Christopher Scerri Urry in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12 of the Laws of Malta.

Illi permezz ta' digriet datat 26 ta' Mejju, 2025, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) laqgħet it-talba tar-rikorrent għall-ħruġ ta' ordni ad interim sabiex jiġi skarċerat mill-ħabs pendenti l-proċeduri Kostituzzjonali;

Illi permezz tad-digriet imsemmi l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-Sede Kostituzzjonali tagħha laqgħet it-talba tar-rikorrent għal ħruġ ta' miżura provviżorja u konsegwentement ordnat is-sospensjoni temporanja tal-esekuzzjoni tas-sentenzi finali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Christopher Scerri Urry tas-6 ta' Frar, 2025, deċiżi mill-Qorti tal-Appell Kriminali u dan sakemm jiġu deċiżi l-proċeduri kostituzzjonali;

Illi l-esponenti appellanti ħassewhom aggravati b'din id-deċiżjoni, għaldaqstant nhar l-4 ta' Lulju, 2025, ippreżentaw rikors li permezz tiegħu talbu permess speċjali sabiex jappellaw mid-digriet imsemmi;

Illi fis-seduta tal-24 ta' Settembru, 2025, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet din it-talba u għalhekk, l-esponenti qegħdin jinterponu dan l-appell abbażi tas-segwenti aggravju: illi l-Ewwel Qorti ma ħaditx inkonsiderazzjoni biżżejjed tal-fatti u l-atti kollha li ġew ippreżentati quddiemha.

Għaldaqstant, l-appellanti qegħdin jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali sabiex tħassar id-digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tas-26 ta' Mejju, 2025, u minflok taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talba tal-appellat għall-ħruġ ta' ordni ta' miżura provviżorja. Bl-ispejjeż kontra l-appellat.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 136/2025, fl-ismijiet imsemmija hawn fuq, huwa differit għad-19 ta' Ottubru, 2026, fid-8.40 a.m.

Notifika: Christopher Scerri Urry, Fred, Fl. 6, Triq Wied Galvan, Ix-Xgħajra
Kelly Court, Triq Bieb it-Torri, L-Imsida

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Kostituzzjonali), illum 21 ta' Awwissu, 2026

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree dated 26th May, 2025, the First Hall, Civil Court (Constitutional Jurisdiction) upheld the applicant's request for the issuing of an interim order to be discharged from prison pending Constitutional proceedings;

Whereas by means of the decree above mentioned the Honourable First Hall Civil Court in its Constitutional jurisdiction upheld the applicant's request for the issuing of a provisional measure and consequently ordered the temporary suspension of the execution of the final judgments in the names Police vs Christopher Scerri Urry of the 6th February, 2025, decided by the Court of Criminal Appeal and this till the Constitutional procedures are decided;

Whereas the appellants felt aggrieved by this decision, and therefore on the 4th July, 2025, an application was filed in virtue of which they asked for special permission to appeal from the decree above mentioned;

Whereas at the hearing of the 24th September, 2025, the Honourable First Hall, Civil Court granted this request and therefore, the appellants are filing this appeal based on the following ground: the First Court did not take sufficient consideration of all the facts and documents presented before it.

Therefore, the appellants are asking this Honourable Constitutional Court to cancel the decree pronounced by the First Hall Civil Court (Constitutional Jurisdiction) on the 26th May, 2025, and instead to decide by dismissing the respondent's request for the issuing of an interim provisional measure. With costs against the respondent.

Application number 136/2025, in the names mentioned above, is deferred to the 19th October, 2026, at 8.40 a.m.

Notification: Christopher Scerri Urry, Fred, Fl. 6, Triq Wied Galvan, Xgħajra
Kelly Court, Triq Bieb it-Torri, Msida

Registry of the Courts of Appeal (Constitutional), this day 21st August, 2026

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2208

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-17 ta' Frar, 2026, fl-Atti tar-Rikors Ġuramentat numru 409/2021CG, fl-ismijiet Il-Kummissarju tat-Taxxi vs Ebony Limited, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 17th February, 2026, in the records of the Sworn application number 409/2021CG, in the names Commissioner for Revenue vs Ebony Limited, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Il-Kummissarju tat-Taxxi vs Ebony Limited (C39425), ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fid-29 ta' April, 2021, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna n-notifika ta' dan ir-rikors u tad-dokumenti annessi lis-soċjetà intimata skont id-dispożizzjonijiet relevanti tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Notifika: Ebony Limited (C39425), Suite 4, Level 2, Parklane Business Centre, Triq Mountbatten, Il-Ħamrun

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 25 ta' Awwissu, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application in the names: The Commissioner for Revenue vs Ebony Limited (C39425), filed in the Civil Court, First Hall, on the 29th April, 2021, the applicant respectfully prays this Honourable Court to order the service of this application and the annexed documents to the respondent company according to the relevant provisions of Cap. 12 of the Laws of Malta.

Notification: Ebony Limited (C39425), Suite 4, level 2, Parklane Business Centre, Triq Mountbatten, Ħamrun

Registry of the Superior Courts, today 25th August, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2209

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-22 ta' Ġunju, 2026, fl-Atti tar-Rikors Ġuramentat numru 230/2026MS, fl-ismijiet Francis Spiteri pro et noe et vs Sign IT Group Ltd et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-konvenuti.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Francis Spiteri (512382M) pro et noe et vs Sign IT Group Ltd (C76141) et, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fit-13 ta' Marzu, 2026, l-intimati jgħidu għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-intimati jew min minnhom huma unikament responsabbli għall-inċident li seħħ fis-6 ta' April, 2023, ġewwa l-istudjo ta' We Media Limited (C60402) fejn ġew ikkaġunati danni permanenti lir-rikorrenti Francis Spiteri;

2. Tillikwida d-danni u l-ispejjeż kollha sofferti mir-rikorrenti kollha b'konsegwenza tal-imsemmi inċident;

3. Tikkundanna l-intimati jew min minnhom iħallsu lir-rikorrenti d-danni u spejjeż hekk likwidati minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-imgħax legali u bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali tas-26 ta' Marzu, 2025, bin-numru tar-referenza 1374/2025 kontra l-intimati, li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 230/2026MS, fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għad-19 ta' Ottubru, 2026, fid-9.00 a.m.

Notifika: We Media Limited, Charles Court, Level 1, Triq San Luqa, Gwardamanġa, Tal-Pietà

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 22nd June, 2026, in the records of the Sworn application number 230/2026MS, in the names Francis Spiteri pro et noe et vs sign IT Group Ltd et, the following publication was ordered in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the defendants.

By means of an application in the names Francis Spiteri (512382M) pro et noe et vs sign IT Group Ltd (C76141) et, filed in the First Hall Civil Court, on the 13th March, 2026, the respondents state why this Honourable Court should not:

1. Declare and decide that the respondents or either of whom are solely responsible for the incident which occurred on the 6th April, 2023, in the studio of We media Limited (C60402) where permanent damages were caused to the applicants Francis Spiteri;

2. Liquidate all the damages and expenses suffered by all the applicants as a consequence of the said incident;

3. Condemn the respondents or either of whom to pay the applicants the damages and expenses so liquidated by this Honourable Court.

With legal interest and costs, including those of the judicial letter of the 26th March, 2025, with reference number 1374/2025 against the respondents, who are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn application number 230/2026MS, in the names mentioned above is postponed to the 19th October, 2026, at 9.00 a.m.

Notification: We Media Limited – Charles Court, Level 1, Triq San Luqa, Gwardamanġa, Tal-Pietà

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 25 ta' Awwissu, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, today 25th August, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2210

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-24 ta' Awwissu, 2026, fuq rikors ta' Bank of Valletta plc (C2833) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 19 ta' Novembru, 2026, f'nofsinhar (12.00 p.m), għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Flat numru wieħed (1), 'Aurora Court', fi Triq Ġużè Orlando, Birkirkara, u jinsab fl-ewwel sular (it-tieni livell mit-triq) fuq in-naħa tax-xellug int u tħares lejn il-blokka tal-appartamenti mit-triq bl-isem ta' Ġużè Orlando. Il-blokk jikkonfinana mit-Tramuntana mal-imsemmija triq u mill-irjieħ l-oħra kollha minn proprpjetà ta' terzi suġġett għas-servitujiet riżultanti mill-pożizzjoni tiegħu favur il-proprjetà l-oħra fl-istess blokk, kif ukoll servut bl-lift u bis-sistema tal-katusi tal-ilma u tad-drenaġġ in komuni mal-proprjetà l-oħra fl-istess blokk u bi dritt ta' aċċess fil-proprjetà sottostanti għal skop ta' manutenzjoni u riparazzjoni f'ħinijiet raġonevoli. Inkluż mal-flat hemm l-użu ta' parti diviża tal-bejt u dritt ta' użu ta' washroom li tagħmel parti mill-istess bejt, bi dritt ta' passaġġ fuq parti komuni li tagħti aċċess għal imsemmija porzjon art tal-bejt. L-imsemmi porzjon ta' bejt hija suġġetta għat-tqegħid ta' tank tal-ilma ta' kapaċità mhux aktar minn seba' mija u ħamsin litru (750L), aerial tat-televixin komuni u satellite dish komuni ta' dijametru mhux aktar minn wieħed punt wieħed metri (1.1m), favur il-maisonette fil-groundfloor level, u dritt ta' aċċess f'każ ta' ħsara u manutenzjoni f'ħinijiet raġonevoli. Il-proprjetà assoluta tal-bejt u l-arja jibqgħu proprjetà ta' terzi u stmat li jiswa mija, wieħed u ħamsin elf u ħames mitt ewro (€151,500).

